**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 29 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 71/2014 AF**

**Peter Paul Said**

**Josef Said**

**Mark Lorry Said**

**u**

**Peter Paul Debono**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Direttur Generali Qrati u Tribunali Ghawdex**

**Direttur Generali Qrati u Tribunali**

**u**

**l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Peter Paul Said, Mark Lorry Said u Peter Paul Debono li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Peter Paul Said waħdu talli fin-Nadur Għawdex u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer fis-2007 u 2008, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

i. Bil-vjolenza kkommetta stupru fuq persuna taħt l-età u ċioè Lorna Marie Azzopardi;

ii. B'għemil żieni kkorrompa persuna taħt l-età u ċioè Lorna Marie Azzopardi;

iii. Ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-età u ċioè Lorna Marie Azzopardi;

iv. Bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-minuri Lorna Marie Azzopardi kontra l-volontà tagħha u dan bħala mezz biex l-imsemmija Lorna Marie Azzopardi tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

v. Bl-imġiba tiegħu kkaġuna lill-minuri Lorna Marie Azzopardi tibża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-persuna ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tal-istess Lorna Marie Azzopardi;

vi. Offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku;

vii. Irrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti t'Għawdex liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Josef Said waħdu talli fin-Nadur Għawdex u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer fis-2007 u 2008:

i. Bil-vjolenza kkommetta stupru fuq persuna taħt l-età u ċioè Lorna Marie Azzopardi minuri t'erbatax-il sena;

ii. B'għemil żieni kkorrompa persuna taħt l-età u ċioè Lorna Marie Azzopardi;

iii. Bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-minuri Lorna Marie Azzopardi kontra l-volontà tagħha u dan bħala mezz biex l-imsemmija Lorna Marie Azzopardi tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

iv. Offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku;

v. Irrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti t'Għawdex liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Mark Lorry Said waħdu talli fin-Nadur Għawdex u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer fis-2007 u fis-sena 2008, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u cioè talli:

i. B'għemil żieni kkorrompa persuna taħt l-età u ċioè Lorna Marie Azzopardi minuri t'erbatax-il sena;

ii. Ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-età u ċioè Lorna Marie Azzopardi;

iii. Offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku.

Peter Paul Debono waħdu talli fin-Nadur Għawdex u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer fis-2007 u 2008, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

i. B'għemil żieni kkorrompa persuna taħt l-età u ċioè Lorna Marie Azzopardi minuri t'erbatax-il sena;

ii. Ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-età u ċioè Lorna Marie Azzopardi;

iii. Offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li sar f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku;

Dan kien fit-18 ta' Settembru 2008.

F'dik l-istess seduta, l-Ispettur Prosekutur Graziella Muscat kienet ippreżentat l-mobile phone tal-akkużati bħala Dokumenti GM 19, 20, 21, 22, sa 35 – li l-irċevuti tagħhom jinsabu esibiti a fol. 61 sa 64 tal-proċess.

F'dik l-udjenza l-esponenti kienu għadhom miżmuma taħt arrest u għaldaqstant ma kellhomx opportunità li jikkonsultaw mal-avukati rispettivi tagħhom.

Madankollu sal-udjenza immedjatament segwenti u ċioè sat-23 ta' Settembru 2008, l-esponenti kienu indikaw lill-avukati tagħhom li kien essenzjali għad-difiża proprja u korretta tagħhom li jiġu esibiti l-mobiles li kellha l-allegata vittma Lorna Marie Azzopardi u li jinġabar il-*call u message log* ta' dawk iż-żewġ mobiles.

Effettivament fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2008, id-difiża ivverbalizzat it-talba tagħha sabiex tinġab il-call profile tal-mobile numru 79001484 (a fol. 74 tal-proċess).

Fit-23 ta' Novembru 2008, il-prosekuzzjoni intavolat rikors b'talba sabiex jiġu eżaminati l-mobile tal-akkużat Peter Paul Said sabiex jiġi vverifikat jekk dan ikkomunikax ma' Lorna Marie Azzopardi fuq il-mobile 79001494 (fol. 308 tal-proċess); liema talba ntlaqgħet bin-nomina tal-espert Martin Bajada

sabiex jikkompila lista tat-telefonati u *short message texts* kollha li saru minn jew lill-mobile numru 70001494 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 kif ukoll sabiex jindika informazzjoni dwar is-subscribers tan-numri tat-telefon li jirriżultaw (fol. 315 tal-proċess).

L-esponenti kienu sussegwentement rrealizzaw li din in-nomina ma kienitx tkopri ż-**żewġ mobiles** li kellha Lorna Marie Azzopardi għaliex din effettivament kellha iktar minn numru ta' mobile billi kellha numru ieħor bin-numru 79981974 u għaldaqstant intavolaw rikors, fis-16 ta' Frar 2009 fejn spjegaw dan kollu u talbu lill-Qorti sabiex in-nomina ta' Martin Bajada tiġi estiża wkoll għal dan in-numru.

Il-Qorti pprovdiet dwar dak ir-rikors billi rriżervat li tipprovdi dwaru wara li tkun semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur; imma ġara li minn dakinhar l'quddiem, l-Uffiċjal Prosekutur baqgħet qatt ma dehret u qatt ma nstemgħet sakemm fit-23 ta' Lulju 2009, xehed l-espert Martin Bajada u esibixxa r-rapport tiegħu (fol. 424).

Immedjatament l-esponenti reġgħu ssenjalaw il-ħtieġa li jiġu esibiti ż-żewġ mobiles tal-allegata vittima u l-call u short message texts taż-żewġ mobiles tagħha.

Kif intqal fuq, dan kien essenzjali għal difiża ġusta tal-esponenti u di più din kienet prova li l-esponenti ma setgħux, bil-mezzi mogħtija lilhom mil-liġi, jipprovduha waħedhom u mingħajr l-intervent tal-prosekuzzjoni u/jew tal-Qorti.

Finalment, f'dik l-istess udjenza, il-Qorti laqgħet it-talba tal-esponenti u ħatret mill-ġdid lil Martin Bajada sabiex jipprepara dan il-profile fir-rigward tal-mobile number 79981974 mill-1 ta' Jannar 2007 sas-16 ta' Frar 2009 – ħaġa li l-esponenti kienu ilhom li talbu sa mill-bidu nett tal-kawża u ċertament mhux iktar tard mid-data tal-preżentata tar-rikors tagħhom tas-16 ta' Frar 2009.

F'din is-seduta wkoll, l-esponenti kienu rrepetew it-talba li kienet diġà saret a fol. 315 tal-proċess li jiġu identifikati l-persuni li magħhom l-allegata vittima kellha kuntatt fuq il-

mobiles tagħha kif ukoll li l-prosekuzzjoni televa l-mobile phones tal-imputata; u l-Qorti laqgħet din it-talba.

Fit-3 ta' Settembru 2009, l-uffiċjal prosekutur infurmat lill-Qorti li ma rnexxilhiex televa t-telefon ċellulari li jġib in-numru 79981974 għaliex l-allegata vittima kienet rmietu.

Wara n-nomina tiegħu f'Lulju 2009, l-espert Dr. Martin Bajada ripetutament informa lill-Qorti li huwa ma kienx sejjer jespleta l-inkarigu afdat lilu għaliex id-Direttur Ġenerali tal-Qrati ma kienx ħallsu ta' diversi perizji li huwa kien espleta u li dwarhom kien ippreżenta r-rapport tiegħu u għal darba oħra l-esponenti sabu ruħhom f'impossibbiltà assoluta li b'xi mod jew ieħor jottenu informazzjoni li kienet vitali għad-difiża tagħhom.

Imbagħad, finalment, l-espert ippreżenta r-rapport tiegħu.

Ir-rifjut stinat tal-prosekuzzjoni li tiġbor u tippreżerva evidenza u dokumentazzjoni li l-esponenti kienu indikawlha sa mill-bidu nett tal-proċedura bħala waħda vitali sabiex huma jkunu jistgħu jipprovaw l-innoċenza tagħhom, almenu għal dak li jirrigwarda uħud mill-akkużi dedotti kontra tagħhom, u, biex tgħaqqad, l-iktar gravi fost dawk l-akkużi kien bi ksur tad-dmir u obbligu impost fuq il-prosekuzzjoni fit-termini tal-artikolu 346 tal-Kap. 9 li "li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat".

Dan ir-rifjut, abbinat mad-dewmien tal-Qorti sabiex tiddegreta r-rikors ippreżentat mill-esponenti tas-16 ta' Frar 2009, u, sussegwentement, in-nuqqas tad-Direttur Ġenerali tat-Tribunal Qrati u Ġenerali li jħallas id-drittijiet dovuti lill-espert Dr. Martin Bajada għal perizji li huwa kien diġà espleta, dewmien li wassal sabiex l-istess Dr. Bajada ppospona l-eżekuzzjoni tal-inkarigu tiegħu sakemm effettivament tħallas, ippreġudikaw serjament u irrimedjabbilment id-drittijiet tad-difiża tal-esponenti. Dan peress li l-esponenti ġew, konxjament min-naħa tal-prosekuzzjoni, minn evidenza inkontrovertibbli li kienet ser issostni l-innoċenza:

a. Tal-esponenti Peter Paul Said mill-ewwel, ir-raba u l-ħames akkuża dedotti kontra tiegħu;

b. Tal-esponenti Josef Said mill-ewwel u t-tielet akkuża dedotti kontra tiegħu;

u li kienet ukoll isservi sabiex timmitiga ċ-ċirkostanzi u kwindi twassal għal mitigazzjoni fil-piena li eventwalment tista’ tiġi applikata fil-konfront tal-erba’ esponenti fir-rigward tal-akkużi l-oħra kollha.

Dan il-preġudizzju huwa rrimedjabbli għaliex illum ma teżisti l-ebda possibbiltà għall-esponenti li b’xi mod jew ieħor jirrimedjaw għall-konsegwenzi negattivi naxxenti minnu.

Min-naħa, l-esponenti kienu tempestivi fit-talba tagħhom sabiex tinġab din l-evidenza, u, min-naħa l-oħra, huma ma kellhom l-ebda mezz ieħor sabiex jottjenu din l-informazzjoni għajr permezz tat-talbiet ripetuti, anzi nawżeanti tagħhom quddiem il-Qorti li quddiemha kienet qed tinstema’ l-kawża.

Minn perspettiva oħra, għandu jingħad li l-prosekuzzjoni kellha sa mill-bidu nett tal-kawża l-possibbiltà li tiġbor u tippreżerva l-evidenza li l-esponenti riedu, imma ma setgħux, iressqu, imma konxjament għażlet li ma tagħmel xejn għal dan il-għan, u dan, kif fuq spjegat, bi ksur tal-obbligu tagħha naxxenti mill-artikolu 346 tal-Kap. 9.

Dan kollu jikkostitwixxi ksur ta’ dritt fondamentali ta’ preżunzjoni ta’ innoċenza u tad-dritt ta’ akkużat li jressaq provi in difesa u sabiex jipprova l-inkolpevolezza tiegħu, protett b’mod partikolari bl-Artikolu 39 (disgħa u tletin) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, speċjalment is-subartikoli (5) u (6)(d) ta’ dak l-Artikolu u ukoll mill-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali kif adottata bħala parti mil-liġijiet ta’ Pajjiżna bis-saħħa tal-Kap. 319.

L-esponenti jemmnu li l-ebda kumpens pekunjarju ma jista’ jagħmel tajjeb għall-fatt jew għall-possibbiltà li huma jiffaċċjaw piena karċerarja għal delitti li dwarhom huma setgħu jippruvaw l-innoċenza tagħhom li kieku l-evidenza li huma ilhom jippruvaw jottjenu sa mill-bidu nett tas-smiegħ tal-kawża

nġabret u nġabet għall-konjizzjoni tal-Qorti kif kien id-dmir tal-prosekuzzjoni li tagħmel.

Għaldaqstant l-esponenti jemmnu li l-uniku rimedju li jista' jagħmel ġustizzja magħhom u li jissalvagwardja d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq huwa dak li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna l-waqfien komplet tal-proċeduri:

   Fil-konfront tal-esponenti Peter Paul Said fir-rigward tal-ewwel, ir-raba u l-ħames akkuża dedotti kontra tiegħu;

   Fil-konfront tal-esponenti Josef Said fir-rigward tal-ewwel u t-tielet akkuża dedotti kontra tiegħu;

2. Tordna lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja li, fl-eventwalità li tinsab ħtija fil-konfront tal-esponenti jew min minnhom fir-rigward tal-akkużi l-oħra, tqis li jeżistu ċirkustanzi li jimmitigaw il-ħtija tagħhom, u tieħu dawn iċ-ċirkustanzi inkunsiderazzjoni meta hija tiġi biex tapplika l-piena kontra tagħhom.

F'kull każ, id-dewmien fil-proċeduri kontra l-esponenti, ikkawżat mill-fatti kif irrakkontati hawn fuq, huwa nġustifikat u nġustifikabbli u kkawża dannu u preġudizzju lill-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgboha taghmel jew taghti dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi kollha illi tqis xierqa, b'mod partikolari fis-sens appena indikat hawn fuq, sabiex twettaq l-imsemmija Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, fosthom illi:

1. Tordna l-waqfien komplet tal-proċeduri:

   Fil-konfront tal-esponenti Peter Paul Said fir-rigward tal-ewwel, ir-raba u l-ħames akkuża dedotti kontra tiegħu;

Fil-konfront tal-esponenti Josef Said fir-rigward tal-ewwel u t-tielet akkuża dedotti kontra tiegħu;

2. Tordna lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja li, fl-eventwalità li tinsab ħtija fil-konfront tal-esponenti jew min minnhom fir-rigward tal-akkużi l-oħra, tqis li jeżistu ċirkustanzi li jimmitigaw il-ħtija tagħhom, u tieħu dawn iċ-ċirkustanzi in konsiderazzjoni meta hija tiġi biex tapplika l-piena kontra tagħhom;

3. Tagħti dawk id-direttivi l-oħra li din l-istess Qorti jidhrilha xierqa u neċessarji sabiex tiġi żgurata l-amministrazzjoni korretta tal-ġustizzja;

4. Anki f'każ li għal xi raġuni kwalsiasi, ma jintlaqgħux jew ma jkunux jistgħu jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet tal-esponenti, tordna l-ħlas favur l-esponenti tal-ammont li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti bħala kumpens ġust u xieraq għall-preġudizzju li huma sofrew perkonsegwenza tas-suespost.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali Qrati u Tribunali (Malta) li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari d-**Direttur Generali tal-Qrati u Tribunali (Malta)** mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

F'dan il-kaz ir-rikorrenti bl-ebda mod ma huma qed jattribwixxu l-ilmenti taghhom fosthom id-dewmien fil-proceduri ghal xi nuqqas minn naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata mid-Direttur Generali tal-Qrati u Tribunali (Malta) u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

F'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jattribwixxu l-ilmenti taghhom ghall-prosekuzzjoni li qed tmexxi l-kaz, u/jew ghall-Gudikant li qed jippresjedi l-proceduri u l-amministrazzjoni tal-Qorti

t'Ghawdex mmexxija mid-Direttur Generali tal-Qrati (Ghawdex) u ghaldaqstant ghal dawn in-nuqqasijiet zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabbli l-esponenti.

L-esponenti jaghmel riferenza ghal dak li ntqal fil-kawza **Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal li r-Registratur tal-Qrati m'ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.

L-istess gie ritenut fis-sentenzi fl-ismijiet **Mark Lombardo vs Kunsill Lokali Fgura et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru 2005 u **Anthony Bugeja vs Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar tas-sena 2014.

In oltre l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:

> *"Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli ghall-operat tal-Qorti, allura r-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur."*

In oltre l-esponent Direttur Generali tal-Qrati (Malta) ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kien involut fil-materja u ghalhekk zgur li l-ilmenti tal-rikorrenti mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proceduri.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad *in toto* t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepew illi:

Ir-rikorrenti qeghdin jallegaw illi fir-rigward ta' proceduri kriminali li gew istitwiti kontra taghhom qiddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom ta' prezunzjoni ta' innocenza u tad-dritt ta' akkuzat li jressaq provi bhala difiza kif protetti bl-Artikolu 39 (5) u (6) (d) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 (3) (d) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Talbu wkoll li jinghataw rimedju.

L-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Fl-ewwel lok u ghal kull buon fini jigi rilevat illi fil-kors tal-investigazzjoni tal-Pulizija l-erba' rikorrenti inghataw il-*Police bail* sabiex titkompla l-investigazzjoni peress li din kienet ser teccedi l-48 siegha. Isegwi ghalhekk li kuntrarjament ghal dak allegat minnhom fir-rikors promotur huma kellhom kull opportunità, jekk riedu, li jikkonsultaw ruhhom ma' avukat tal-fiducja taghhom minn qabel ma tressqu l-Qorti.

Inoltre kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, il-pulizija ottempraw ruhhom mal-obbligi taghhom a tenur tal-Artikolu 346 tal-Kap. 9 billi gabru u ressqu l-provi kollha misjuba, disponibbli u maghrufa, sew kontra u sew favur il-persuni suspettati li wettqu r-reat, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Inoltre l-atti tal-proceduri kriminali juru li l-prosekuzzjoni dejjem ottemprat ruhha ma' kull ordni tal-Qorti u kienet dejjem rapprezentata ghas-seduti.[1] Hija nkoncepibbli ghall-esponenti ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-agir tal-prosekuzzjoni b'xi mod wassal biex gew pregudikati d-drittijiet tad-difiza.

Ghal dak li jirrigwarda telefons cellulari tal-allegata vittma Lorna Marie Azzopardi, l-esponenti jirrilevaw li l-uniku mobile phone li gie ndikat u li rrizulta fl-istadju tal-investigazzjoni kien dak bin-numru 79001494, li dwaru gie nominat espert tal-Qorti

[1] Mhux kif qed jigi allegat mir-rikorrenti f'pagna 4 tar-rikors promotur.

sabiex ihejji relazzjoni dwar it-telefonati u l-messaggi li saru minn u lejn dan in-numru fil-perjodu relattiv ghall-allegati reati kommessi mir-rikorrenti. B'hekk fir-rigward tan-numru maghruf li kien uzat fi zmien ir-reat in kwistjoni u cioè 79001494 sar dak kollu li seta' jsir fuqu bhala profil ta' sms u telefonati.[2]

Però fir-rigward tal-mobile phone bin-numru 79981974, appartenenti lill-allegata vittma u li dwaru huwa ffukat l-ilment tar-rikorrenti fil-proceduri odjerni, l-esponenti jirrilvew li dan irrizulta ghall-ewwel darba waqt ix-xhieda tal-allegata vittma quddiem il-Qorti fid-9 ta' Ottubru 2008. L-allegata vittma stqarret fl-istess xhieda li biddlet in-numru minn 79001494 ghal 79981974 sabiex ir-rikorrenti ma jibqghux icemplulha fuqu u li n-numru 79981974 kienet ottjenietu biss ricentement u li fil-perjodu tal-allegat kommissjoni tar-reat hija kellha numru wiehed biss tac-cellulari u cioè 79001494.

Id-difiza waqt din ix-xhieda m'ghamlet ebda mistoqsija dwar dan in-numru u l-uzu tieghu u lanqas talbet li jigi esplorat. Kien diversi xhur wara u cioè fi Frar u Lulju tal-2009 li d-difiza ghall-ewwel darba ressqet talba in konnessjoni mal-*call profiles* tal-linja tat-telefon cellulari 79981974. Dan apparti l-fatt li sal-lum ir-rikorrenti baqghu qatt ma ndikaw x'rilevanza ghandu jkollu dan in-numru ghall-kaz u sabiex jippova l-innocenza tal-imputati. Inoltre tenut kont tal-fatt li skond il-ligi l-perjodu ta' retenzjoni tad-data msemmija huwa biss ta' sena, kwalunkwe informazzjoni ottjenuta fir-rigward ta' tali numru setghet tkopri biss perjodu qasir mill-perjodu komplessiv li l-akkuzi dwar ir-reati kienu jkopru.

Dan apparti l-fatt li hemm mezzi ohra ta' prova disponibbli rigwardanti dan in-numru 79981974 fosthom il-prova tramite s-service provider dwar meta beda jintuza u dan sabiex fl-ewwel lok jigi korroborat dak li ddikjarat l-allegata vittma dwar il-perjodu ta' meta beda jintuza dan in-numru biex id-difiza sserrah rasha li l-informazzjoni dwaru ma timpingix fuq il-

[2] Addirittura u ghal kull buon fini jigi rilevat ukoll li waqt l-interrogazzjoni stess wiehed mill-imputati gie mistoqsi jekk kienx hemm xi tip ta' kuntatti tramite t-telefon cellulari u huwa innega.

perjodu li jkopri l-imputazzjonijiet li bihom huma rinfaccjati r-rikorrenti odjerni. Dan oltre l-fatt li komunikazzjoni tramite sms u telefonati ssir bejn zewg numru cellulari u mhux dak tal-vittma biss, jigifieri jekk din ghamlet xi komunikazzjoni ma xi hadd hemm mezzi ohra ta' prova tramite x-xhieda tal-individwi li maghhom saret il-komunikazzjoni jew tramite indikazzjoni tan-numru cellulari ta' dawk l-istess individwi. B'hekk ir-rikorrenti lanqas biss ezawrew ir-rimedi ordinarji kollha taghhom fir-rigward tan-numru tac-cellulari 79981974 u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha fi kwalunkwe kaz tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha a tenur tal-provisos tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet stante d-disponibilità ta' mezzi xierqa ta' rimedji ordinarji fir-rigward tan-numru cellulari in kwistjoni.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost ma hemm ebda pregudizzju la ghall-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrenti u lanqas id-drittijiet taghhom dwar it-tressiq ta' provi in difesa.

Inoltre l-esponenti jirrilvew ukoll li kif jirrizulta mill-atti tal-proceduri kriminali l-prosekuzzjoni b'ebda mod ma kkontribwiet ghal xi dewmien fil-proceduri kif qed jigi allegat mir-rikorrenti. Anzi jirrizulta li l-prosekuzzjoni ressqet il-provi kollha taghha sa Jannar 2011 (liema provi huma voluminuzi ferm) u hija d-difiza li baqghet minn dak in-nhar tkaxkar saqajha biex tressaq il-provi, tant hu hekk li anke l-Qorti tal-Magistrati sa mill-2012 issollecitat lid-difiza biex tressaq il-provi taghha.

Ghaldaqstant l-esponent jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ma ssib ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom. Bl-ispejjez kontra taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali Qrati u Tribunali (Għawdex) li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-intimat jifhem illi hu ghandu x'jirrispondi biss fir-rigward tal-allegazzjoni illi huwa naqas illi jhallas lill-espert imqabbad mill-

Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja (‘il quddiem imsejha “l-Qorti Istruttorja”), Dr. Martin Bajada sabiex janalizza l-kontenut tal-mobile phone numru 79981974 ta’ Lorna Marie Azzopardi.

Tali allegat nuqqas assolutament ma incida bl-ebda mod fuq il-kumpilazzjoni tar-rikorrenti ghax kif stqarru huma stess, tali mobile qatt ma nstab peress li l-imsemmija Lorna Marie Azzopardi allegatament irmietu u ghaldaqstant, Dr. Martin Bajada bl-ebda mod ma seta’ jespleta t-tieni inkariku li kien inghata mill-Qorti Istruttorja.

Bla pregudizzju ghas-suespost, tajjeb li l-esponenti jirrileva illi l-istess Dr. Martin Bajada halef l-ewwel rapport tieghu u esebih a fol. 424 fit-23 ta’ Lulju 2009 u ghaldaqstant, zgur illi r-rikorrenti ma soffrew l-ebda pregudizzju. Jekk l-istess Dr. Martin Bajada kellu xi lment dwar il-hlas dovut lilu ghar-relazzjonijiet tieghu, kien fid-dmir illi ma jaccettax l-inkariku l-gdid moghti lilu imma mhux izomm ostagg il-procedura ta’ istruttorja sakemm huwa jithallas u ghal tali komportament, huwa biss jista’ jwiegeb. Fi kwalunkwe kaz, il-hlasijiet dovuti lill-esperti mqabba mill-Qorti Istruttorja dejjem thallsu mill-esponenti u kien hemm biss dewmien temporanju ta’ ftit xhur sabiex jitwettqu xi hlasijiet minhabba disponibilità finanzjarja tal-mument, liema dewmien bl-ebda mod ma incida fuq il-proceduri fil-Qorti Istruttorja kif inghad.

Bla pregudizzju ghas-suespost, il-proceduri fil-Qorti Istruttorja huma intizi biss sabiex l-Onorabbli Qorti bl-ebda mod ma tista’ taghti provvediment fir-rigward tal-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant l-esponenti m’ghandu jinsab bl-ebda mod responsabbli ghal xi allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem tar-rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti u tal-Avukat Ġenerali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tar-rikorrenti u tal-Avukat Ġenerali.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-lanjanza tagħhom hija bbażata fuq allegat ksur tal-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali minħabba li ma nġabarx wieħed mill-*mobile phones* tal-allegata vittma, dewmien tal-Qorti Istruttorja sabiex tiddekrata ir-rikors tagħhom u n-nuqqas tad-Direttur Ġenerali Qrati u Tribunali (Għawdex) milli jħallas id-drittijiet dovuti lill-espert Dr Martin Bajada li wassal sabiex l-espert dam ma wettaq l-inkarigu tiegħu b'dan illi, skont huma, ġew ippreġudikati d-drittijiet tagħhom.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja fit-18 ta' Settembru 2008, akkużati b'diversi reati inkluż stupru u abbuż sesswali fuq persuna taħt l-età. Il-kumpilazzjoni tal-provi għadha pendenti.

Fuq talba tad-difiża, fl-udjenza tat-23 ta' Settembru 2008 il-Qorti Istruttorja ordnat illi jiġi inġunt rappreżentant tas-soċjetà Go Mobile sabiex jixhed u jagħti *call profile* tal-linja tal-*mobile* bin-numru 79001494, u ċioè dik tal-allegata vittma, b'lura minn Jannar tal-2007. Fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2008, il-Qorti Istruttorja nnominat lil Dr. Martin Bajada sabiex iħejji *call profile* tan-numru 79001494 b'lura minn Jannar tal-2007.

L-ewwel darba li l-prosekuzzjoni u d-difiża saru jafu bil-linja tal-*mobile* bin-numru 79981974 kien fid-9 ta' Ottubru 2008 meta l-allegata vittma xehdet illi hija kienet bidlet il-linja tal-*mobile* minħabba r-rikorrenti. Dakinhar, id-difiża ma għamlet l-ebda talba lill-Qorti Istruttorja fir-rigward ta' din il-linja.

Permezz ta' rikors preżentat nhar is-16 ta' Frar 2009, ir-rikorrenti Peter Paul Said u Josef Said għamlu talba lill-Qorti Istruttorja sabiex l-espert nominat minnha jirrelata wkoll dwar il-linja tal-*mobile* bin-numru 79981974 stante li fl-udjenza preċedenti ma kienx ġie verbalizzat li l-inkarigu tal-espert nominat mill-Qorti għandu jkopri dan in-numru wkoll.

It-talba tar-rikorrenti ġiet milqugħa mill-Qorti Istruttorja fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2009. L-espert Dr. Martin Bajada reġa ġie nominat sabiex iħejji *call profile* kemm tal-linja 79001494 kif ukoll tal-linja 79981974. Fl-istess udjenza, l-Uffiċjal Prosekutur ġiet ordnata televa mill-pussess tal-allegata vittma l-*mobile phones* li kienet tagħmel użu minnhom bejn l-1 ta' Jannar 2008 u s-16 ta' Frar 2009 u tgħaddihom lill-espert tal-Qorti. Fl-udjenza tat-3 ta' Settembru 2009, l-Uffiċjal Prosekutur infurmat lill-Qorti Istruttorja li meta marret sabiex televa mill-pussess tal-allegata vittma l-*mobile phones* indikati fil-verbal tat-23 ta' Lulju 2009, hija kienet ġiet infurmata minn omm l-allegata vittma li dawn kienu ntremew għaliex kienu mkissrin.

Peress illi l-espert nominat mill-Qorti ma kienx qiegħed jitħallas tal-inkarigi mogħtija lilu mill-Qrati t'Għawdex, fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2013 huwa kien informa lill-Qorti Istruttorja li ma setax jespleta l-inkarigu mogħti lilu f'dawk il-proċeduri sakemm ma jerġax jibda jitħallas tax-xogħol illi kien qiegħed jagħmel.

Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2013 ġie verbalizzat illi sa dakinhar l-espert kien għadu ma tħallasx u allura kien għadu mhux f'posizzjoni jespleta l-inkarigu mogħti lilu f'dawk il-proċeduri. L-espert espleta l-inkarigu mogħti lilu mill-Qorti Istruttorja meta ġiet riżolta l-kwistjoni dwar il-pagamenti dovuti lilu. Ir-rapport tiegħu huwa datat 4 ta' Diċembru 2013. Madanakollu, f'dan ir-rapport ma saret l-ebda riferenza għall-*mobile phones* tal-allegata vittma.

L-espert Dr. Martin Bajada xehed quddiem din il-Qorti fejn spjega li t-talba tad-difiża fir-rigward tal-*mobile phones* tal-allegata vittma kienet saret *fuori termine* fis-sens illi s-*service providers* huma obbligati jżommu d-*data* tal-*mobile phones* sa sena u t-talba tar-rikorrenti kienet saret wara li kien għadda

sena mill-perjodu rilevanti għall-proċeduri. Jispega wkoll illi sabiex jespleta l-inkarigu mogħti lilu, huwa jkollu bżonn il-*mobile phone* in kwistjoni. Jirriżulta għalhekk illi l-espert ma seta' qatt jespleta l-inkarigu mogħti sabiex iħejji *call profile* tal-linja tal-*mobile* 79981974 għall-perjodu mitlub għaliex il-*mobile phone* li kien jintuża mill-vittma fil-perjodu mertu tal-każ ma kienx instab u kienet laħqet għaddiet sena bejn il-perjodu rilevanti u meta l-espert kien qiegħed jespeta l-inkarigu u allura s-*service providers* kienu laħqu ħassru l-informazzjoni.

Skont ir-rikorrenti, minħabba dan kollu huma ma setgħux jottjenu informazzjoni li kienet indispensabbli għad-difiża tagħhom u li għalhekk, ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq. Minkejja li fir-rikors promotur tagħhom ir-rikorrenti jgħidu huma ġarrbu ksur tad-drittijiet tagħhom kif sanċiti permezz tal-artikoli 39(5) u 39(6)(d) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea, fis-sottomissjonijiet tagħhom jagħmlu riferenza biss għall-ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms* li huwa inkorporat fl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

Id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdu illi:

> *"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*
>
> *....*
>
> *(5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati:*
>
> *Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari.*
>
> (6) *Kull min ikun akkużat b'reat kriminali -*

*(d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni;"*

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jigu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieg, jew safejn ikun rigorozament meħtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Ir-rikorrenti qegħdin jinvokaw ukoll l-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi illi:

*"Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li gejjin:*

*(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;"*

Ir-rikorrenti ma spjegawx kif allegatament ġie leż id-dritt tagħhom li jkunu meqjusa innoċenti u li jeżaminaw x-xhieda. Fil-fatt, jidher li l-lanjanza tagħhom hija bażata biss fuq allegat ksur tal-prinċipju tal-*equality of arms.* Dwar dan il-prinċipju,

intqal hekk mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' A.B. v Slovakia tal-4 ta' Marzu 2003:

> *"The principle of equality of arms – one of the elements of the broader concept of a fair trial – requires that each party should be afforded a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-a-vis his or her opponent."*

Madanakollu, huwa prinċipju assodat kemm fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li sabiex jiġi determinat jekk ir-rikorrenti ġarrbux ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq, din il-Qorti trid tqis il-proċess fl-intier tiegħu u għalhekk, fejn il-proċess kriminali għadu għaddej, bħal fil-każ tallum, it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti ssib ksur tad-drittijiet tagħhom, hija intempestiva.

Kif proprju qalet il-Qorti Kriminali fil-każ The Republic of Malta vs Anna-Maria Beatrice Ciocanel, deċiża fil-5 ta' Diċembru 2013:

> *"It is a well established principle that as a rule questions relating to fair trial are to be addressed upon an assessment of the trial as a whole and that it is only at the conclusion of such trial that a proper assessment of whether there has been a fair trial can be made."*

Fil-każ ta' Anthony Zarb et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali et tas-16 ta' Ottubru 2002, il-Qorti Kostituzzjonali osservat li:

> *"huwa risaput minn studju tal-gurisprudenza in materja, li biex tigi deciza il-kwistjoni jekk inghatax smiegh xieraq jew le, skond l-artikoli Kostituzzjonali citati qabel, wiehed ma jistax, u ma ghandux, semplicement jiffoka fuq xi parti biss tal-process gudizzjarju u jekk isib kwalunkwe nuqqas ikun x'ikun, allura wiehed inezorabilment ikollu jikkonkludi li l-process gudizzjarju kollu hu konsegwentement vizjat. Invece, biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kienx hemm ksur tad-dritti fondamentali ghal smiegh xieraq, ikun mehtieg li l-"iter" shih tal-process gudizzjarju jigi analizzat.*

*Il-valutazzjoni trid issir fuq l-assjem ta' l-elementi kolha li jifformaw il-process gudizzjarji, ghax hu biss minn tali valutazzjoni komprensiva li wiehed jista' jasal kien ragjonevolment jiddeciedi jekk kienx hemm vjolazzjoni ta` l-imsemmi dritt fondamentali."*

Fil-każ ta' Morgan Ehi Egbomon vs Avukat Generali, deċiża mill-istess Qorti, fis-16 ta' Marzu 2011, intqal li:

*"Ghalhekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma jkun sar u ntemm il-process penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-ezercizzju li jrid l-appellant, kemm ghax l-appellant ghad ghandu ghad dispozizzjoni tieghu rimedji u l-mezzi ta' harsien kollha li jaghtih il-process penali - u ghalhekk ghad ghandu ir-rimedji taht il-ligi ordinarja - u kif ukoll ghax din il-qorti ghadha ma tistax tqis it-process penali kollu kemm hu – ghax ghadu ma sarx - biex tkun tista' tghid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali, mhux f'episodju izolat, izda fil-kuntest tal-process meqjus kollu kemm hu u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispozizzjonijiet tal-ligi attakkati."*

L-istess ħaga qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza aktar ricenti mogħtija fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech et v Malta:

*"In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that it cannot be excluded that, inter alia, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.*

*The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, ... § 48, Kesik v. Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons v. Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim*

*status (see Bouglame v. Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).*

*The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature."*

Fuq skorta tal-ġurisprudenza rilevanti, huwa ċar illi sabiex il-Qorti tiddeċiedi jekk ġiex leż id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, trid tistenna li l-proċeduri kriminali minn fejn twieldu l-lanjanzi tagħhom jiġu fi tmiemhom. F'dan l-istadju, din il-Qorti mhijiex f'posizzjoni tikkunsidra l-ilmenti tagħhom fid-dawl tal-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tagħmel evalwazzjoni ta' kif dak li jilmentaw dwaru ser jinċidi fuq il-verdett finali. Jista' jkun illi fl-aħħar mill-aħħar, huma ma jinstabux ħatja tal-akkużi miġjuba kontrihom jew jinstabu ħatja abbażi ta' xhieda inkonfutabbli.

Fil-każ preżenti, huwa biss wara verdett finali li r-rikorrenti jistgħu jressqu l-allegazzjonijiet tagħhom ta' ksur tad-drittijiet fundamentali għaliex huwa biss wara li jkun hemm deċiżjoni finali mill-Qrati ta' kompetenza kriminali li l-Qrati Kostituzzjonali jistgħu jagħmlu evalwazzjoni dwar jekk seħħx jew le dan l-allegat ksur.

Ladarba l-Qorti qiegħda ssib illi din l-azzjoni saret qabel waqtha, mhux meħtieġ illi tkompli billi tqis l-eċċezzjonijiet tal-intimati. Iżda l-Qorti żżid illi fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ma ġabux l-iċken prova sabiex jikkonvinċuha li ġew leżi d-drittijiet tagħhom minħabba l-fatt illi l-espert nominat mill-Qorti Istruttorja ma setax jagħmel *call profile* tal-linja tal-*mobile* in kwistjoni. Dan in vista tas-segwenti osservazzjonijiet:

I. Ir-rikorrenti ma taw l-ebda ħjiel ta' x'setgħet kienet din l-informazzjoni li skont huma kienet indispensabbli għad-difiża tagħhom li setgħet tinġabar biss minn dan il-*call profile*;

II. Ir-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova li turi li kieku l-espert nominat mill-Qorti Istruttorja qeda l-inkarigu tiegħu immedjatament (jew addirittura malli għamlu t-talba tagħhom permezz tar-rikors tas-16 ta' Frar 2009) kien ser ikun jista' jiġbor l-informazzjoni mitluba, fid-dawl tal-fatt mhux kontestat illi l-*mobile phone* in kwistjoni ma kienx fil-pussess tal-allegata vittma għaliex kienet iddisponiet minnu;

III. L-espert nominat mill-Qorti Istruttorja Dr Martin Bajada stqarr li t-talba tar-rikorrenti kienet, fi kwalunkwe każ, *fuori termine* għaliex is-*service providers* iżommu l-informazzjoni meħtieġa għal sena biss;

IV. Ir-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova li l-prosekuzzjoni kienet taf illi l-allegata vittma kellha linja tal-*mobile* oħra qabel ma xehdet dwarha quddiem il-Qorti Istruttorja. Dan ifisser li mhuwiex minnu li l-prosekuzzjoni aġixxiet bi ksur tal-artikolu 346 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi, inter alia, li l-pulizija għandha tiġbor prova sew kontra sew favur il-persuna suspettata. Il-pulizija ma tistax tiġbor prova qabel ma tkun taf biha;

V. Kienu r-rikorrenti li baqgħu passivi għal xhur sħaħ qabel ma talbu lill-Qorti Istruttorja tordna li ssir *call profile* ta' din il-linja tal-*mobile*.

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, stante li huma intempestivi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

IMHALLEF

DEP/REG